MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 276/2000/1

**Kevin Falzon**

**v.**

**Il-Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid hekk:
"Premess illi l-attur kien fis-servizz bhala kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija.

"U premess illi l-attur dejjem qeghda dmiru sewwa u dejjem ghamel l-almu tieghu sabiex josserva r-

regolamenti kollha u l-ordnijiet moghtija lilu mis-superjuri tieghu.

"U premess illi f'okkazzjoni wahda u izolata l-attur gie rinfaccjat u mtellgha l-Qorti akkuzat bi traffikar illegali ta' armi u pussess ta' munizzjon.

"U premess illi l-attur gie liberat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mir-reat l-aktar serju ta' traffikar ta' armi u instab hati biss li kellu fil-pussess tieghu tlett pallottoli u inghata l-multa minima skond il-ligi, jigifieri dik ta' tletin lira Maltin (Lm30).

"U premess li waqt dan il-process gudizzjarju, l-attur ircieva komunika informali mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jirrezenja mill-Korp tal-Pulizija.

"U premess illi l-attur m'accettax illi jaghmel dan ghaliex huwa hass illi ma' kien ghamel xejn li jimmerita dan.

"U premess illi sussegwentement l-attur ircieva ittra datata 23 ta' Jannar 2000 iffirmata mill-Kummissarju tal-Pulizija, fejn l-attur gie informat illi a bazi tal-Artikolu II (i) u (iii) tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta l-Prim Ministru ddecieda illi l-attur jigi imnehhi mill-Korp tal-Pulizija, liema ittra kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A.

"U premess illi dan l-agir tal-konvenuti jew min minnhom jikkostitwixxu ghemil amministrattiv diskriminatorju fil-konfront tal-attur u dan ghar-raguni illi kien hemm persuni ohra fis-servizz tal-Korp tal-Pulizija li gew rinfaccjati u misjuba hatja ta' reati kriminali ferm aktar serji minn dik ta' l-attur, izda xorta baqghu fil-Korp tal-Pulizija.

"U premess illi l-attur ihoss illi huwa ma' inghatax l-opportunita` illi jiddefendi l-posizzjoni tieghu f'tali proceduri.

"U premess illi l-ghemil amministrattiv tal-konvenuti jew min minnhom jikkostitwixxi bl-aktar mod car abbuz ta' poter da parti tal-konvenuti jew minn minnhom.

"Jghid ghalhekk l-attur ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara l-ghemil tal-konvenuti jew min minnhom null, invalidu u minghajr effett u dan abbazi tal-Artikolu 469A(1)(a), 469A(1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"2. Tordna illi l-attur jerga jidhol fis-servizz tal-Korp tal-Pulizija fi zmien qasir u perentorju.

"3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba l-agir tal-konvenuti jew min minnhom.

"4. Tordna l-hlas tas-somma hekk likwidata favur l-attur mill-konvenuti jew min minnhom.

"Bl-ispejjez."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:
"1. Illi fl-ewwel lok din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza li tistharreg u tiddeciedi t-talbiet ta' l-attur ai termini ta' l-istess artikolu 469A.

"Dan l-artikolu jaghmilha cara li t-terminu "ghemil amministrattiv" ma jinkludiex xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`. Inoltre kif stabbilit fil-gurisprudenza, din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza biex tiddeciedi f'materja ta' impjieg governattiv.

"2. Illi isegwi ghalhekk li t-tkeccija ta' l-attur mhiex sindakabbli mill-Qorti.

"3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, t-talbiet kollha ta' l-attur huma bla fondament guridiku jew fattwali in kwantu ma kienx fl-interess pubbliku li ufficjal tal-Pulizija jithalla fil-kariga b'kundanna mill-Qorti tal-Magistrati u b'aspett karatterjali li ma jixirqux mar-responsabilitajiet u mad-dmirijiet ta' membri fil-Korp tal-Pulizija.

"Illi hu stabbilit bhala principju legali, suffragat ukoll minn gurisprudenza kostanti, il-Qorti m'ghandhiex kompetenza biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-awtorita` ezekuttiva u tinterpreta hi x'inhu l-interess pubbliku f'dawn ic-cirkostanzi.

"4. Illi subordinatament u minghajr pregudizju ghas-sueccepit, il-Qorti m'ghandha l-ebda kompetenza li tordna dak li hemm mitlub fit-tieni talba anki f'azzjoni fejn jista jsir l-istharrig gudizzjarju. Inoltre l-ebda danni ma gew kawzati mill-eccipjenti lill-attur u ghalhekk it-tielet u r-raba' talba huma bla bazi guridika u fattwali.

"Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-decizjoni preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April 2001, li in forza taghha dik il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-meritu;

Rat id-decizjoni fil-meritu moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2005, li in forza taghha dik il-Qorti cahdet it-talba [recte: talbiet] ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Fil-kaz in ezami, meta l-pulizija kienu qed jinvestigaw l-omicidju tal-kuntistabbli PC 525 Mark Farrugia f'Marzu 1999 dahlitilhom informazzjoni li l-attur ftit granet qabel l-omicidju kien instemgha jistaqsi fejn kienet tinsab Triq Tempji Neolitici, Tarxien ezattament fejn wara kien inqatel Mark Farrugia. Il-Pulizija ssuspettat fl-attur u gie arrestat u investigat. L-attur kien cahad dawn l-allegazzjonijiet ghalkemm kien hemm numru ta' pulizija li semghu dan id-diskors u li rrepetewh quddiemu meta sar konfront mieghu. Kienet dahlet ukoll informazzjoni lill-pulizija li l-attur mhux l-ewwel darba li kienu rawh fil-kumpanija ta' nies notorji u b'kondotta kriminali. L-attur kien ammetta li kien ikun f'kumpanija ta' certi nies izda qal li dan kien fuq xoghol ta' skorta. Fil-kors ta' l-investigazzjoni kienet saret

tficcja fid-dar fejn joqghod l-attur u kienu sabu xi *bullets* ghandu. Kienu ittiehdu passi fuq dan is-sejba u l-attur kien instab hati mill-Qorti. Il-Kummissarju tal-Pulizija kien talab lill Prim Ministru biex l-attur ma jibqax fil-korp tal-Pulizija a tenur ta’ l-artikolu 11(ii) tal-Kap 164 (fol 66 u 67) minhabba r-ragunijiet hemm imsemmija u wara li l-kaz ghadda f’idejn il Public Service Commission, il-Prim Ministru kien kiteb lura (ara fol 68) li fuq rakkomandazzjoni tal-PSC l-attur kellu jitkecca mill-korp tal-Pulizija a tenur ta’ l-art 11(1) u (3) tal-Kap 164. L-attur kien gie infurmat b’din id-decizjoni (ara fol 4). L-attur m’accettax dina d-decizjoni u pproceda b’dina l-kawza biex isir stharrig ta’ l-eghmil amministrattiv da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija taht l-artikolu 469A tal-Kap 12.

**"KONTESTAZZJONI**

"Basikament l-argumenti taz-zewg partijiet huma is-segwenti. Il-Kummissarju tal-Pulizija jissottometti li hu ha d-decizjoni kontestata mhux biss ghax instabu l-bullets u l-attur gie kkundannat mill-Qorti izda ghaliex l-attur, li kien Pulizija, kien qed jiffrekwenta nies ta’ kondotta kriminali u ghaliex kien hemm suspett ragjonevoli da parti tal-pulizija minhabba d-diskors li nstemgha li intqal mill-attur dwar it-triq fejn sar l-omicidju ta’ Mark Farrugia (ara xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija J.aRizzo a fol 105 l-ahhar linji tax-xhieda tieghu).

"Minn naha l-ohra l-attur qed jissottometti li hu qatt ma deher quddiem Bord tad-Dixxiplina jew xi Kummissjoni dwar it-tkeccija tieghu; tkecca mill-korp minghajr ma kellu l-opportunita` li jsemma lehnu u li ma kienx inghata r-raguni ghaliex hu kien tkecca mill-Korp.

"L-attur spjega aktar fid-dettal il-bazi ta’ l-azzjoni tieghu fin-nota li pprezenta u qed jghid li hu qed jattakka l-eghmil amministrattiv tal-Kummissarju tal-Pulizija a bazi ta’ l-artikolu 469A(b)(ii) u (iii) tal-Kap 12.

"L-artikolu 469A(1) jipprovvdi li: hlief hekk kif provvdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta’ kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita ta’ xi

eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss –

"(b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawk li gejjin:

"(ii) meta l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil; jew

"(iii) meta l-ghemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

"L-attur jirritjeni li f'dan il-kaz dan il-principju *Audi alteram partem* gie mixksur fil-konfront tieghu billi ma giex segwit bl-ebda stadju tal-proceduri u ghalhekk id-decizjoni hija nulla. Hu ma inghatax l-opportunita` li jinstemgha biex jikkontradici l-provi li ngabu kontra tieghu izda gie infurmat biss fl-ahhar nett bid-decizjoni li ttiehdet kontra tieghu.

"L-attur isostni noltre li l-konvenuti kienu obbligati li jaghtu r-ragunijiet u l-motivazzjonijiet taghhom ghad-decizjoni li huma hadu u kellhom jinfurmawh b'dan b'mod car. Hu jghid li fl-ittra tieghu l-Kummissarju tal-Pulizija ma tahx ir-raguni ghaliex l-impieg tieghu gie terminat.

"Skond l-attur, ghalkemm il-konvenut ghandu diskrezzjoni moghtija bil-Ligi, dana jista' jaghmlu sakemm ma jabbuzax minn tali diskrezzjoni. Il-principju tar ragjonevolezza huwa r-riga li wiehed irid juza halli jikkostata jekk kienx hemm abbuz mid-diskrezzjoni moghtija. Id-decizjonijiet ta' awtoritajiet amministrattivi m'ghandhomx ikunu aktar drastici minn dak li huwa necessarju halli l-istess awtoritajiet jilhqu l-ghanijiet taghhom.

"Finalment l-attur jirritjeni li kien hemm zewg persuni ohra membri tal-Korp tal-Pulizija li kellhom *conviction* aktar serja minn tieghu izda dawn xorta wahda baqghu fil-Korp tal-Pulizija.

**"KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT**

"Fil-kaz in ezami l-attur tkecca a bazi ta' l-artikolu 11(1) u (3) tal-Malta Police Ordinance Kap 164 b'effett minn 24 ta' Jannar 2000 skond ittra ezibita a fol 4 datata 23 ta' Jannar 2000.

"Ir-ragunijiet li minhabba fihom il-Prim Ministru accetta t-tnehhija ta' l-attur mill-kariga ta' pulizija huma li pulizija jkun meqjus li aktarx ma jsirx, jew waqaf milli jkun ufficjal efficjenti tal-pulizija u jkun meqjus, wara li jittiehed kont tal-kondizzjonijiet tal-Korp, l-utilita` ta' l-ufficjal ghall-Korp u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma ghandux fl-interess pubbliku jibqa jservi aktar bhala membri tal-Korp. Dawn ir-ragunijiet kienu inghataw lill attur bl-ittra imsemmija.

"Skond ix-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija d-decizjoni kienet ittiehdet li l-attur ma jibqax fil-korp tal-Pulizija mhux biss ghax instabu l-*bullets* ghandu u l-attur gie kkundannat mill-Qorti izda wkoll ghaliex l-attur kien qed jiffrekwenta nies ta' kondotta kriminali u ghaliex kien hemm suspett ragjonevoli da parti tal-pulizija minhabba d-diskors li nstemgha li intqal mill-attur dwar it-triq fejn sar l-omicidju ta' Mark Farrugia. (Ara xhieda a fol 105 l-ahhar linji ).

"Apparti li l-attur kien gie infurmat fuq liema bazi kien tkecca, mill- istatment li rrilaxxja l-attur, u mix-xhieda tal-investigaturi, jirrizulta x'kienet il-linja ta' l-investigazzjoni li kienu qed isegwu l-pulizija u l-attur kien jaf mid-domandi li kienu qed isirulu li l-pulizija u r-risposti li hu ta, li l-pulizija kienu qed jissupettaw fih u ghaliex. L-attur gie konfrontat bil-fatt li huwa kien qed ikun ma nies ta' kondotta kriminali mhux biss fuq xoghol ta' skorta imma kien anke a bazi ta' hbiberija u gie nfurmat ukoll bid-diskors li pulizija ohra semghuh jghid u li maghhom gie konfrontat.

"Kuntrarjament ghall dak li xehed l-attur il-kaz tieghu kien differenti minn ta' PS 431 Montesin u PC 337 T. Zammit (Dok RK2 fol 52 u Dok RK1 fol 45) fis-sens li f'dawk iz-zewg kazijiet kien hemm kundanna tal-Qorti ghal- reat kriminali u wara ttiehdu passi kontra taghhom bil-Public

Service Commission, mentri fil-kaz ta' l-attur ittiehdu passi dixxiplinari kontra tieghu taht il-Police Ordinance u dana mhux biss ghax kien instab hati li kellu xi munizzjon. Kien hemm ragunijiet ohra, fuq imsemmija, li ma kienux jaghmlu lill attur aktar idoneju biex jibqa' fil-korp u li kienu jintitolaw lill konvenut Kummissarju biex jiehu passi taht l-ordinanza tal-Pulizija. Ghalhekk il-kwistjonji ta' diskriminazzjoni jew inkonsistenza tal-pulizija fit-trattament tieghu u ta' pulizija ohra ma tidholx.

"Fil-kaz in ezami kif gja nghad il-passi li ttiehdu kontra l-attur kienu a bazi tal-Police Ordinance Kap 164. Il-Kummissarju tal-Pulizija kien marbut bi procedura b'garanziji kostituzzjoni li kellu jsewgi. Fil-fatt wara l-investigazzjonijiet li kienu saru li fihom kien involut l-attur, il-Kummissarju tal-Pulizija ma qabadx u minn rajh keccieh izda kiteb lill Permanent Secretary fl-ufficcju tal-Prim Ministru sabiex l-attur jigi ritirat mill-korp tal-pulizija fl-interess pubbliku skond l-ordinanza. (Dok RK fol 83). Imbaghad il-Permanent Secretary ikkorrisponda mal-Public Service Commission li nvestigat il-kaz u dina imbaghad irrispondiet lill OPM. Wara dan l-OPM irrisponda lill Kummissarju tal-Pulizija fis-sens li f'dan il-kaz:

*"“The Prime Minister acting on the recommendation of the Public Service Commission has approved on the 29 December 1999 that PC 1566 Kevin Falzon be removed from the Police force in terms of Chapter 164 Section 11 (1) and (3) of the Malta Police Ordinance” u gie ordnat li jiehu l-passi necessarji biex l-attur jispicca mill-korp.*

"Minn dan jidher li l-Kummissarju tal-Pulizija kien mexa skond ir-regolamenti li kienu jimponu fuq procedura specjali li trid tigi segwita.

"Dawn il-Qrati, fil-funzjoni taghhom ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva ghandhom id-dritt jiddeciedu jekk att partikolari ikun null u bla effett ghax mhux skond il-ligi, jew ghax jilledi l-principji tal-gustizzja naturali, izda m'ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom rizervata lill ezekuttiv b'dik taghhom. Il-Qorti

f'dawn il-kazijiet ma tistax tissindika il-mertu tal-kaz (Mary Grech vs Ministru tax-Xogholijiet 29/1/1993).

"Skond l-artikolu 469A(2) l-Qrati ordinarji ma ghandhomx gurisdizzjoni jissindikaw "mizuri ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna" Il-Kummissarju tal-Pulizija huwa l-persuna responsabbli biex jiddeciedi x'inhuma l-esigenzi tas-servizz fid-dipartiment tieghu u l-Qrati m'ghandhomx jissostiwixxu d-diskrezzjoni taghhom ghal dik tal-Kap tad-Dipartiment dwar il-mertu ta' x'hemm bzonn fis-servizz li jaghtu. Il-Qrati izda, kif gja nghad, ghandhom gurisdizzjoni li jaraw li l-organi kollha ta' l-istat josservaw il-ligi.

"Gie deciz mill-Qrati taghna li l-provvediment ta' l-artikolu 469(A) (6) jassoggetta s-servizz mal-Gvern ghal provvedimenti ta' disposizzjonijiet specjali li jirregolaw dan ir-rapport specjali fir-rigward ta' l-ingagg, kondotta u terminazzjoni ta' dak l-impieg. Dan is-subinciz (6) ta' l-artikolu 469 (a) tal-Kap 12 jiddisponi illi:

""Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, u ta' kull dispozizzjoni ohra ta' din il-ligi u ta' kull ligi ohra, servizz mal-Gvern hu <u>rapport specjali</u> regolat b'dispozizzjonijiet specjali specifikatament applikabbli ghalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn zmien ghal zmien mill-Gvern, u ebda ligi jew dispozizzjoni taghha dwar kundizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impjieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, ghal servizz mal-Gvern <u>hlief safejn dik il-ligi ma tipprovdix xort'ohra</u>".

"Dwar dak is-subartikolu l-Qorti ta' l-Appell fis sentenza C.Magri vs Kumm tal-Pulizija et 5/10/98 kien iddecidiet li:

""Waqt li din il-Qorti taqbel li dan il-provvediment espressament jeskludi lis-servizz mal-Gvern mill-kontroll ta' kull ligi ohra li tirregola l-kuntratt ta' servizz jew ta' impjieg, u b'mod specifiku teskludi ghalih l-applikazzjoni tal-Kodici Civili ("u ta' kull dispozizzjoni <u>ta' din</u> il-ligi", ovvjament tirreferi ghal dak il-Kodici), dak l-istess provvediment jassoggetta is-servizz mal-Gvern ghal provedimenti ta' dispozizzjonijiet <u>specjali</u> li jirregolaw dan ir-rapport specjali fir-rigward ta' l-ingagg, kondotta u

terminazzjoni ta' dak l-impjieg. Dawn id-dispozizzjonijiet specjali jorbtu wkoll allura lill-amministrazzjoni li hi obbligata fir-relazzjonijiet taghha ma' l-impjegati li tosserva dawk il-provvedimenti ntizi biex jittutelaw proprju dawk il-jeddijiet tal-haddiema tal-Gvern kontra min ihaddimhom. Il-ligi allura ma tistriehx biss fuq il-principju generali ta' dritt pubbliku li l-istat, bhala 'good employer', jekk mhux l-aqwa wiehed, hu mistenni li jittratta sewwa u gustament lill-impjegati tieghu, imma wkoll torbtu li jagixxi b'certu mod determinat u b'certa procedura stabbilita f'sitwazzjonijiet partikolari skond kif provdut b'dispozizzjonijiet specjali specifikatament applikabbli. Dan certament japplika b'mod partikolari fir-rigward ta' proceduri dixxiplinari.....

"F'dan ir-rigward il-Kostituzzjoni nfisha gustament u sewwa kkrejat il-makkinarju biex jigu regolati r-relazzjonijiet bejn l-Ezekuttiv u s-servizz pubbliku fil-Kapitolu X taghha, b'mod partikolari fit-twaqqif tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Dan il-Kapitolu, filwaqt li jirrikonoxxi n-natura specjali ta' l-impjieg fis-servizz civili, u jipprovdi l-makkinarju biex l-amministrazzjoni pubblika tibqa' tiffunzjona bl-inqas tfixkil possibbli, jiehu hsieb biex b'mod konkret jipprotegi lill-impjegat pubbliku kontra l-arbitrarjeta`, l-abbuz ta' poter u diskriminazzjoni u jissalvagwardja wkoll, direttament u indirettament, id-dritt tieghu ghal remunerazzjoni ghas-servizz li jaghti, kif ukoll ghall-pensjoni. Dan il-bilanc li l-Kostituzzjoni tohloq, u li fil-verita` hu rifless fis-subinciz 6 ta' l-artikolu 469 (A) tal-Kap 12, ma jistax ma jkunx finalment protettiv tad-drittijiet ta' l-impjegat civili in kwantu jobbliga lill-Istat li jsegwi proceduri determinati bl-istess Kostituzzjoni u b'dispozizzjonijiet specjali kemm f'ligijiet, kif ukoll f'regolamenti ad hoc li jirregolaw l-impjieg mieghu".

"(Ara wkoll sentenza App Helen mart Vincent Borg et v. Il-Prim Ministru et Qorti ta' l-Appell deciza 9/2/2001; u Tanti vs P.M. 16/11/04).

"Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija mexa skond il-ligi specjali li kienet tiddettalu kif

ghandu jipprocedi. Din il-procedura ma setghetx ma tkunx protettiva tad-drittijiet ta’ l-attur in kwantu obbligat lill-Kummissarju li jsegwi proceduri determinati bl-istess Kostituzzjoni u b’dispozizzjonijiet specjali kemm f’ligijiet, kif ukoll f’regolamenti ad hoc li jirregolaw l-impjieg ta’ l-attur. Ghalhekk ma jistghax jinghad li kien hemm xi abbuz da parti tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija.

"L-attur kien gie nfurmat permezz ta’ ittra f’Jannar 2000 taht liema artikoli tal-ligi (li fihom ir-ragunijiet) huwa kien qed jigi mkecci. L-attur kien gie investigat mill-pulzija, kien jaf fuq hiex kien issuspettat, u nghata l-opportunita li iwiegeb fl-istatment ghall akkuzi li kienu qed isiru fil-konfront tieghu. Il-Qorti mhiex ser tidhol fil-kwistjoni jekk kienx hemm proporzjonalita` fid-decizjoni mehuda mill-Kummissarju u approvata mill-PSC u mill-PM billi jekk taghmel hekk possibilment tkun qed taghmel stharrig fil-mertu tad-decizjoni, haga li dina l-Qorti ma tistax taghmel (Garner’s Administrative Law – pag 280 -281)."

Rat l-appell interpost mill-attur fejn talab biex, ghar-ragunijiet minnu indikati, din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2005, u tilqa' t-talbiet tieghu;

Rat ir-risposta tal-konvenuti li, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu c-cahda ta' l-appell u l-konferma tas-sentenza appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidsrat;

Il-fatti li wasslu ghat-tkeccija ta' l-attur mill-korp tal-Pulizija u ghall-kontestazzjoni ta' din it-tkeccija da parti ta' l-istess attur, jinsabu deskritti fl-ewwel parti tas-sentenza appellata li ghaliha qed issir riferenza. L-attur qed jappella mid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti bazikament bi tlett aggravji:

(1) ma jaqbilx ma' l-ewwel Qorti ghal mod kif iddisponiet mis-sottomissjoni tieghu dwar l-obbligu li kellu l-Kummissarju tal-Pulizija li jaghti ragunijiet ghal tali terminazzjoni mis-servizz;

(2) ma jaqbilx kif l-ewwel Qorti ma sabitx li kien hemm, fil-kaz in kwistjoni, kien hemm ksur tal-principju *'audi alteram partem'*; u

(3) ma jaqbilx kif l-ewwel Qorti naqset ghal kollox illi tidhol fil-kwistjoni jekk tali ghemil tal-Kummissarju kienx wiehed ragjonevoli u proporzjonali.

In linea preliminari, din il-Qorti tosserva li filwaqt li tapprova dak li nghad anke f'decizjonijiet Inglizi li l-principji tal-gustizzja naturali huma "*a duty lying upon everyone who decides anything*", ovvjament fil-kamp amministrattiv, f'dan il-kaz l-azzjoni ta' l-attur ittiehdet fil-konfront ta' persuni li ma ddecidew xejn fil-konfront tieghu. Id-decizjoni li l-attur jitkecca mill-korp tal-Pulizija ma hadhiex il-Kummissarju tal-Pulizija, imma l-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (PSC). Il-materja involuta fil-kawza titratta materja ta' ordinament kostituzzjonali, li hu ta' ordni pubbliku, u l-Qorti ma tistax tinjora dak li jirrizulta mill-Kostituzzjoni. L-Artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni jiddisponi b'mod car li s-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi persuni li jkollhom jew ikunu jagixxu f'xi kariga bhal dawk, tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-PSC. Kif intqal mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Sultana v. Prim Ministru**, deciza fis-27 ta' Gunju 2003, f'kaz ta' hatriet fis-servizz pubbliku, il-Prim Ministru hu marbut, li jimxi skond dik ir-rakkomandazzjoni, u allura f'kaz ta' kwistjoni li tolqot l-impieg ta' bniedem fis-servizz pubbliku, id-decizjoni, fil-verita`, tehodha l-PSC, u f'kaz ta' ilment hija d-decizjoni ta' din il-Kummissjoni li hija sindakabbli, u mhux tal-Prim Ministru.

Hu veru li r-rakkomandazzjoni harget mill-Kummissarju tal-Pulizija li, wara li investiga diversi rapporti li kellu in konnessjoni ma' l-attur, esprima l-veduta li l-attur kellu

jitkecca mis-servizz fl-interess pubbliku; pero` d-decizjoni hadha l-PSC u hadd aktar.

L-attur jargumenta li quddiem il-PSC hu ma nghatax smigh xieraq, u peress li skond l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni l-ezercizzju tal-poter tal-PSC mhux sindakabbli minn ebda Qorti, ma setax iressaq l-ilmenti tieghu kontra l-PSC, izda bilfors kellu jagixxi kontra dawk l-ufficjali li, skond hu, ghaddew informazzjoni hazina lill-PSC. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Il-Qrati taghna osservaw li l-PSC mhix insindikabbli b'mod assolut, u jekk jigi allegat li l-PSC ma segwietx ir-regoli ta' procedura li hi stess tkun ghamlet ghas-smigh tal-kaz quddiemha (**Cassar v. Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**, eventwalment ceduta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Novembru 1985), jew jigi allegat li l-PSC agixxiet b'mod diskriminatorju (**Galea v. Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Jannar 1985), jew li l-istess PSC agixxiet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem (**Attard v. Sant'Angelo noe et**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Novembru 1996), allura l-Qorti ordinarja tista' tintervjeni u taghti r-rimedju opportun. Din il-Qorti zzid li anke jekk jigi allegat, fuq livell amministrattiv, li l-PSC agixxiet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali jew agixxiet *ultra vires* il-poteri taghha, il-Qrati ordinarji jistghu <u>u ghandhom</u> jintervjenu. Il-principji tal-gustizzja naturali jridu dejjem u skrupolozament jigu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummssjoni mahtura biex tiehu decizjoni fir-rigward ta' individwu, u ebda awtorita` moghnija b'dan il-poter ma tista' twarrab dawn il-principji b'immunita` (ara, per ezempju, il-kazijiet **Zammit v. Falzon**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Marzu 2003, **Mangion v. Cilia Pisani noe**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Mejju 2004, **De Gaetano v. Awtorita` ta' l-Ippjanar**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fit-30 ta' Marzu 2005, u **A J Hili ta' Miema Ltd v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Ottubru, 2004). Ovvjament, il-principju *audi alteram partem*, ma jfissirx li l-

parti milquta trid bilfors tinstema', izda li tinghata l-opportunita` tressaq il-kaz taghha.

F'dan il-kaz, ma ttiehdet ebda procedura kontra l-PSC, u ladarba dik id-decizjoni mhix qed tigi attakkata, jigri x'jigri f'din il-kawza, ma jista' jkollu ebda effett ghall-attur, ghax hu xorta wahda baqa' sokkombenti ghad-decizjoni li ttiehdet kontra tieghu mill-PSC.

Apparti dan id-difett procedurali fl-azzjoni kif proposta mill-attur, din il-Qorti pero` ma tarax li, f'dan il-kaz, il-Kummissarju tal-Pulizija mexa "hazin" fil-konfront ta' l-attur.  Wara li membru tal-Pulizja nqatel barra r-residenza tieghu fi Triq it-Tempji Neolitici gewwa Hal Tarxien, wasal rapport ghand il-Kummissarju tal-Pulizija li l-attur, lejliet l-omicidju, kien qed jistaqsi fejn kien joqghod preciz il-vittma, jigifieri, f'liema parti tat-Triq it-Tempji Neolitici.  Il-Kummissarju ordna tfittxija fir-residenza ta' l-attur u hemm instabu numru ta' 9mm *bullets*.  Irrizultalu wkoll li lill-attur mhux l-ewwel darba li rawh f'kumpanija ta' nies b'kondotta notorja.

Il-Kummissarju tal-Pulizija ma strahx biss fuq dawn l-allegazzjonijiet.  Dwar is-sejba tal-*bullets* ressaq lill-attur akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u din, b'sentenza tal-4 ta' Ottubru 1999, sabitu hati.  Dwar l-allegazzjonijiet l-ohra, ikkonfronta lill-attur b'dak li kien irraportat lilu.  L-attur cahad xi dettalji ta' dak li ntqal fuqu, pero` ma cahadx il-generalita` ta' l-allegazzjonijiet, izda qal biss li n-nies ta' kondotta hazina sar "hbieb" maghhom minhabba xoghol ta' skorta li gieli jaghmel mill-habs ghall-qorti.

Hawnhekk, allura, hu car li l-Kummissarju tal-Pulizija, qabel ma ghamel ir-rakkomandazzjoni li ghamel, sema' x'ghandu xi jghid l-attur, u tah l-opportunita` li jispjega u jiskolpa ruhu.  Avvolja ma kienx kompitu tieghu li jiddeciedi jekk l-attur jitkecciex jew le mill-korp tal-Pulizija, xorta tah l-opportunita` li jispjega ruhu u anke ha l-istqarrija li rrilaxxja l-attur.

Fid-dawl ta' dawn ir-rapporti u l-ispjegazzjoni (fjakka, fl-opinjoni tal-Qorti) li ta l-attur, ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju ma tistax titqies irragjonevoli jew sproporzjonata. Hawn ghandna pulizija li qed jaghmel hbieb ma' persuni kriminali jew li jkunu akkuzati b'xi reat kriminali, u agir bhal dan, ta' l-anqas f'ghajnejn il-pubbliku, zgur li ma jaghtix serhan ta' mohh. Difficli li l-pubbliku jaghti fiducja lill-Korp tal-Pulizija meta jara membru ta' l-istess korp f'relazzjoni ta' "hbiberija" ma persuni "notorji" ma' l-istess pulizija! Il-qtil tal-kuntistabbli Mark Farrugia barra l-bieb tar-residenza tieghu, kien att li xxokkja lill-pajjiz, u ghalkemm l-attur ma kienx implikat fil-qtil, ma tax spjegazzjoni ghaliex, lejliet l-omicidju, ried ikun jaf fejn tahbat it-triq u fejn ezatt joqghod il-vittma. Ghall-Kummissarju tal-Pulizija, l-atteggjament ta' l-attur ma kienx wiehed ta' min jafda fuqu l-Korp tal-Pulizija, u kien ghalhekk li rrikmanda t-tkeccija tieghu. Id-decizjoni, pero`, ma hadhiex hu u ma setax jehodha hu; id-decizjoni li torbot haditha l-PSC, u dik id-decizjoni mhix qed tigi attakkata f'dawn il-proceduri.

Dwar l-ilment li ma nghatax raguni ghat-tkeccija, il-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx obbligat jaghti sodisfazzjoni ta' l-investigazzjoni tieghu lill-attur, ghax mhux hu kien se jiehu decizjoni. Interessanti, bhala paragun, li t-Tribunals and Inquiries Act, 1992, ta' l-Ingilterra, mhux biss jipprovdi li ragunijiet iridu jinghataw jekk issir talba ghal dan, izda, f'kull kaz, jipprovdi wkoll li m'hemmx htiega li tinghata raguni f'kaz ta' ordni "of a legislative and <u>not an executive</u> character". Il-Kummissarju tal-Pulizija, inoltre, spjega lill-attur il-motivi ta' l-investigazzjoni, u allura altru milli l-attur kien jaf x'wassal ghat-tkeccija tieghu mill-Korp tal-Pulizija.

L-attur jilmenta li l-ittra li hu rcieva bid-data tat-23 ta' Jannar 2000, iffirmata mill-Kummissarju tal-Pulizija, fejn gie infurmat li hu tkecca mill-korp, taghmel referenza biss ghall-artikolu tal-ligi li in forza taghha hu gie mkecci, pero`, ma tindikax ragunijiet dwar x'wassal li hu jitkecca. Kif intqal, pero`, l-attur kien jaf x'wassal ghat-tkeccija tieghu. Hu kien gie mitlub jirrizenja volontarjament ghall-istess ragunijiet, u meta l-attur irrifjuta li jaghmel dan, il-kaz

tressaq quddiem il-PSC a bazi ta' l-istess ragunijiet. Il-htiega ta' ragunijiet hi importanti biex dak li jkun ma jittehidx b'sorpriza, u biex ma jigix imcahhad mill-possibilita` li jattakka dik id-decizjoni. F'dan il-kaz, ma kienx hemm dan il-periklu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tichad l-istess, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------